

UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 15 ta' Diċembru 2021
(OR. en)**

**2021/0219 (COD)
LEX 2137**

**PE-CONS 72/1/21
REV 1**

**EF 311
ECOFIN 998
CONSOM 224
CODEC 1335**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI TEMENDA D-DIRETTIVA 2009/65/KE FIR-RIGWARD
TAL-UŻU TA' DOKUMENTI BL-INFORMAZZJONI EWLENJA
MILL-KUMPAÑIJI MANIĠERJALI TAL-IMPRIŻI TA' INVESTIMENT
KOLLETTIV F'TITOLI TRASFERIBBLI (UCITS)**

DIRETTIVA (UE) 2021/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Diċembru 2021

**li temenda d-Direttiva 2009/65/KE fir-rigward tal-użu ta' dokumenti
bl-informazzjoni ewlenija mill-kumpaniji maniġerjali tal-impriżi
ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tal-20 ta' Ottubru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2021.

Billi:

- (1) L-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jirrikjedi li l-kumpaniji ta' investiment u l-kumpaniji tal-maniġment jfasslu dokument qasir li jiġbor fih tagħrif ewlieni dwar il-karatteristiċi essenzjali tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) offriti lill-investituri ("tagħrif ewlieni għall-investituri"), sabiex dawk l-investituri jkunu jistgħu jifhmu b'mod raġonevoli n-natura u r-riskji tal-UCITS li tkun qed tiġi offruta lilhom u, konsegwentement, sabiex jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment fuq bażi infurmata.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jirrikjedi li l-manifatturi ta' prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), qabel ma jagħmlu PRIIP disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, ifasslu u jippubblikaw dokument bl-informazzjoni ewlenija ("KID") għal dak il-prodott sabiex dawn l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu jistgħu jifhmu u jqabblu l-karatteristiċi u r-riskji ewlenin tal-PRIIP..

¹ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

- (3) L-UCITS jikkwalifikaw ukoll bħala PRIIPs, li għalihom huwa meħtieġ "KID" skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014. L-Artikolu 32(1) ta' dak ir-Regolament, madankollu, jeżenta kumpaniji tal-maniġment kif definiti fl-Artikolu 2(1), punt (b), tad-Direttiva 2009/65/KE, kumpaniji ta' investiment kif imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva u persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' UCITS, kif imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dik id-Direttiva, jew li jbigħuhom, mill-obbligi stabbiliti f'dak ir-Regolament, u għaldaqstant mir-rekwiżit li jipproduċu "KID", sal-31 ta' Diċembru 2021 ("l-arranġament tranżitorju").
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653¹ jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-preżentazzjoni, il-kontenut u l-format standard tal-KID, il-metodoloġija għall-preżentazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji u għall-kalkolu tal-kostijiet, il-kundizzjonijiet u l-frekwenza minima għar-rieżami tal-informazzjoni li tinsab fil-KID, u l-kundizzjonijiet dwar kif il-KID għandu jingħata lill-investituri fil-livell tal-konsumatur.

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 tat-8 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti (ĠU L 100, 12.4.2017, p. 1).

- (5) Fis-7 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 dwar il-metodoloġija sottostanti u l-preżentazzjoni tax-xenarji tal-prestazzjoni, il-preżentazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi sommarji tal-kostijiet, il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat u l-preżentazzjoni tal-kostijiet minn PRIIPs li joffru firxa ta' opzjonijiet għall-investiment u jallinjaw l-arranġament tranżizzjonali għall-manifatturi tal-PRIIP li joffru unitajiet ta' fondi msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala opzjonijiet ta' investiment sottostanti bl-arranġament tranżitorju estiż stabbilit f'dak l-Artikolu.. Id-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat hija 1 ta' Lulju 2022, iżda huwa importanti li tirrifletti l-ħtieġa li l-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji ta' investiment, u l-persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' UCITS u mhux UCITS jew ibigħuhom, jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għat-tmiem l-arranġament tranżitorju u b'hekk għall-obbligu li jiġi prodott KID.

- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-ħtieġa għal biżżejjed żmien għat-tħejjija għall-obbligu li jiġi prodott KID tiġi ssodisfata, ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ biex l-arranġament tranżitorju jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (7) It-"tagħrif ewlieni għall-investituri" u l-KID essenzjalment ikopru l-istess rekwiżiti ta' informazzjoni. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-investituri fil-livell tal-konsumatur fil-PRIPs interessati li jakkwistaw unitajiet ta' UCITS ma jirċievux, mill-1 ta' Jannar 2023 'il quddiem, iż-żewġ dokumenti għall-istess prodott finanzjarju. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-KID għandu jittqies li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli għat-tagħrif ewlieni għall-investituri. Barra minn hekk, għall-investituri għajr l-investituri fil-livell tal-konsumatur, il-kumpaniji ta' investiment u l-kumpaniji tal-maniġment jenħtieġ li jkomplu jfasslu "tagħrif ewlieni għall-investituri" skont id-Direttiva 2009/65/KE, sakemm ma jiddeċidux li jfasslu KID kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014. F'tali każijiet jenħtieġ li l-kumpaniji ta' investiment u l-kumpaniji tal-maniġment ma jkunux meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu t-"tagħrif ewlieni għall-investituri", u l-KID biss jenħtieġ li jingħata lil daww l-investituri.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji tal-investiment u l-persuni dwar l-għoti ta' pariri jew il-bejgħ ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE 71/21 [2021/0215 (COD)] u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(8) Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/65/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fid-Direttiva 2009/65/KE, jiddaħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 82a

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta kumpanija ta' investiment jew, għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja, kumpanija tal-maniġment tfassal, ttipprovi, tirrevedi u tittraduċi dokument bl-informazzjoni ewlenija li jikkonforma mar-rekwiżiti għad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, l-awtoritajiet kompetenti jqisu li d-dokument bl-informazzjoni ewlenija jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli għat-tagħrif ewlieni għall-investituri kif stabbilit fl-Artikoli 78 sa 82 u l-Artikolu 94 ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jirrikjedux li kumpanija ta' investiment jew, għal kwalunkwe wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġja, kumpanija tal-maniġment biex tfassal tagħrif ewlieni għall-investituri f'konformità mal-Artikoli 78 sa 82 u l-Artikolu 94 ta' din id-Direttiva meta tfassal, tipprovdi, tirrevedi u tittraduċi dokument bl-informazzjoni ewlenija li jikkonforma mar-rekwiżiti għad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014.

* Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (OJ L 352, 9.12.2014, p. 1).".

Artikolu 2

1. Sat-30 ta' Ġunju 2022, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2023.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President